# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-67 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 07 ta' Jannar 2015 fil-5:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |
| **Skużati** | |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**67/01 Talba**

**67/01/01** Il-laqgħa bdiet fil-5.15 p.m. billi ntqalet it-talba. L-Ambaxxatrici Żagħżugħa Rebecca Chircop avżat li minhabba impenji ohra ma setghetx tattendi. Hi ġiet skużata.

**67/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 66**

**67/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti.

**67/03 Punti mtella' mill-Minuti 66**

**67/03/01** **Para 66/03/02:** Waslu t-tabelli tal-ismijiet tat-toroq minghand il-Bristow Potteries. Dawn issa ser jitwaħħlu.

**67/03/02** **Para 66/03/03:** Għandna insegwu mal-Avukat rigward dan il-każ u jekk ikun hemm bżonn issir laqgha mal-Avukat tal-kuntrattur.

**67/03/03** **Para 66/03/04:** Il-kuntrattur għadu qed jistenna li jingħata l-materjal mill-WSC ħalli jibda jibdel il-main tal-ilma. Il-Kunsillier Christopher Fenech ser jipprova isegwi mal-WSC.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**67/03/04** **Para 66/03/05:** Gie innutat ghadna ma nafux meta ser issir il-laqgha mal-Ministru J. Mizzi minkejja li issa ghaddew diversi ġimghat. Għandna inkomplu insegwu u ninfurmaw lil TM ghal darba ohra li ahna ma naqblux li parti minn Triq Sta Katerina tkun *one-way*.

**67/03/05** **Para 66/03/07:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni għall-iskema ġiet sottomessa.

**67/03/06** **Para 66/03/08:** Il-Kunsill innota li għadha ma saritx *site inspection* mill-MEPA fi Triq Katerina Sammut.

**67/03/07** **Para 66/03/09:** L-Agent S.E. intalab sabiex isegwi mill-qrib u jaghmel kuntatt mal-*Paying Agency* rigward il-pagamenti pendenti.

**67/03/08** **Para 66//03/11:** Il-Kunsill ġie nfurmat li qedin nistennew lill-Enemalta sabiex iqabbdu l-bozza l-ġdida fi Triq Dun Karm Fenech.

**67/03/09** **Para 66/03/12:** Ġiet aċċettata l-kwotazzjoni *tal-Smart Lights* għax-xogħol fuq id-dawl taż-*żebra crossing* tal-pjazza.

**67/03/10** **Para 66/03/13:** Il-Kunsillieri Alfred Muscat nforma lil-Kunsill li l-attività tal-anzjani kienet ta' suċċess.

**67/03/11** **Para 66/03/14:** Il- Kunsillieri Christopher Fenech informa lill-Kunsill li l-attività tal-Milied fil-Pjazza kienet ta' suċċess.

**67/03/12** **Para 66/03/15:** Il-Vici Sindku Mark Azzopardi nforma lill-Kunsill li l-attività Mixja mill-Għar kienet ta' suċċess.

**67/03/13** **Para 66/03/16:** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kompjuter inxtara.

**67/03/14** **Para 66/05/04:** Il-Kunsill ġie nfurmat li t-talba sabiex issir *traffic hump* fi Triq Santa Katerina għadha pendent ghaliex id-Dipt tad-Distretti ma gewx jaghmlu x-xoghol mehtieg. Ser inkomplu nsegwu.

**67/03/15** **Para 66/06/03:** Il-Kunsill iddiskuta l-proposta sabiex il-librerija pubblika tiċċaqlaq b'mod temporanju mill-Iskola Primarja ghall-bini parrokkjali l-gdid fi Triq Karmanu Zarb. Il-Kunsillier Christopher Fenech informa li hu kien kellem lill-Kapillan u dan kien qabel li jikri l-post lid-Dipt. tal-Edukazzjoni. Dan sakemm jinbena sular ġdid fl-iskola primarja meta l-librerija pubblika terga tiġi lura fl-iskola primarja. Il-Kunsill irringrazzja lill-Kappillan u lill-Ministeru tal-Edukazzjoni għall-ghajnuna taghhom sabiex instabet soluzzjoni aċċettabbli.

**67/03/16** **Para 66/06/10:** Is-Sur Alfred Muscat informa lill-Kunsill li hu ressaq it-talba ta' resident sabiex jidhol bhala membru fis-Sotto Kumitat SKQS. Il-membri tas-Sotto Kumitat unanimament ihossu li bhalissa ma hemmx bżonn ta' aktar membri kif ukoll peress li dalwaqt tispiċċa s-sitt leġislatura tal-Kunsill u magħha jispiċċa s-Sotto Kumitat ukoll ikun ahjar jekk dan ir-resident iressaq it-talba tieghu meta jinhatar Kunsill ġdid. Il-Kunsill innota din id-decizjoni tas-Sotto Kumitat u l-Agent S.E. intalab jinforma lir-resident bid-decizjoni tas-Sotto Kumitat.

**67/03/17** **Para 66/06/11:** Il-Kunsill ġie nfurmat li intbagħtet ittra biex jiġi kkonfermat li l-fondi ta' Measure 125 għadhom disponibbli. Meta nircievu din il-konferma tinhareg il-Letter of *Acceptance.* Sadanittant ser jintbaghat *Progress Report* dwar dan il-progett.

**67/03/18** **Para 66/07/02:** Il-Kunsill qed jistenna data sabiex issir laqgha mad-Direttur Ġenerali tal-*Government Property Division* dwar s-*Searchlight Battery*. Ser inkomplu nsegwu.

**67/03/19** **Para 66/07/04:** Ġie deċiż li l-laqgħa mal-Għaqda tan-Nar ssir fid-19 ta' Jannar 2015 fis-7pm.

**67/04** **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

**67/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda.* Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġew approvati ukoll l-pagamenti li saru mill-*petty cash.*

**67/05** ***Performance Bonus* tal-Agent S.E. u l-iStaff**

**67/05/01** L-Agent S.E. ippreżenta l-*Performance Appraisal Reports* tal-istaff amministrattiv tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dawn ir-rapporti. Ġie unanimament deċiż li z-zewg haddiema jinghataw *Performance Bonus* bir-rata ta' 6% li hu l-massimu li jista jinghata ghas-sena 2014.

**67/05/02** Ġie ippreżentat l-*Performance Appraisal Report* tal-Agent S.E. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport. Gie unanimament deċiż li jiġi rakkomandat lid-DLG sabiex l-Agent S.E. jinghata *Performance Bonus* bir-rata ta' 10% li hu l-massimu li jista jinghata ghas-sena 2014.

**67/05/03** Il-Kunsill irringrazzja lill-Agent S.E. kif ukoll lill-istaff amministrattiv ghall-hidma u l-kontribut taghhom.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**67/06 Ilmenti u Suggerimenti**

**67/06/01** Suggeriment sabiex issir manutenzjoni fuq il-monument tal-pjazza. Kien hemm qbil unanimu li jsir dan ix-xoghol u l-Kunsillier Alfred Muscat ser jiehu hsieb ikellem lis-Sur Jesmond Aquilina. Gie approvat ukoll li jinxtara xi rham li hu imkisser.

**67/06/02** Talba sabiex jitnaddaf kulvert fi Triq Fidel Zarb. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan ix-xoghol.

**67/06/03** Talba sabiex isir mili ta’ xi toqob bil-konkos fi Sqaq il-Ħofra. Il-Kunsill innota li dan is-Sqaq qed fi stat hazin hafna u TM li hi responsabbli sabiex tibni u tiksi dan l-isqaq ghada ma solvitx il-problema dwar il-main tad-drenagg mal-WSC. Gie unanimament deċiż li inkomplu nsegwu ma TM kif ukoll sadanittant jinxtara l-konkos halli jsir ix-xoghol mitlub.

**67/07 *Korrispondenza***

**67/07/01** Ġie innutat invit għall-Inter-Generational Project Valletta 18 fid-9 ta' Jannar 2015. Għandu jattendi l-Kunsillier Vincent A Galea.

**67/07/02** Ġiet innutata Memo 30/2014 Spazji Pubbliċi – żoni miftuħa. Ġie deċiż li napplikaw għall-erbgħa siti kif gej:- roundabout fi Triq San Ġwann, Bandli ta' Zagħruna, Qasam tad-Djar Xwieki u Gnien zghir fi Triq Ghaxqet l-Ghajn viċin is-Searchlight Battery.

**67/07/03** Ġie innutat invit mir-Reġjun Tramuntana għall-inawgurazzjoni tal-uffiċini nhar il-Gimgha, 10 ta' Jannar 2015.

**67/07/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Green MT rigward ġbir ta' ħġieġ bieb bieb. Il-Kunsill innota b’sodisfazzjon li dan is-servizz ser jibda jinghata kull l-ewwel Gimgha ta’ kull xahar.

**67/07/05** Ġiet innutata wkoll korrispondenza mid-DLG rigward *EU Solidarity Fund: Assessment of Damage caused by storm on Friday*, 7th November 2014.

**67/07/07** Ġiet innutata korrispondenza rigward opportunità biex kunsilli jissottomettu proposti għall-proġetti kapitali fil-lokalitajiet tagħhom. Il-Kunsillieri ma jistghux jattendu l-laqgha li ser issir ghada fil-Kunsill tan-Naxxar. Il-Kunsill unanimament innota li z-zmien sabiex issir din l-applikazzjoni hu qasir hafna.

**67/07/07** Ġiet innutata Case No 1026/14 rigward Ġbir ta' Skart – inaqqsu l-konġestjoni tat-Traffiku. Il-Kunsill unanimament qabel mar-risposta li ntbaghtet sabiex ma jsir l-ebda tibdil fil-hin tal-gbir tal-iskart.

**67/07/08** Korrispondenza minghand TM dwar il-bini ta' kulverts fi Triq Emm Pen u Triq San Ġwann. Il-Kunsill ma jistax jifhem kif TM qed titlob dettalji dwar il-bini ta' kulvert fi Triq San Gwann meta kienet TM stess li applikat ghall-permess tal-MEPA sabiex isir dan il-kulvert kif ukoll hemm diversi korrispondenza dwar dan is-suggett u ftit tax-xhur ilu ġejna avżati li l-Gvern ma ghandux fondi sabiex isir dan il-kulvert. L-Agent S.E. intalab sabiex jerga jikteb lil TM.

**67/07/09** Ġiet innutata Memo 32/2014 – spejjeż għal servizzi speċjalizzati mitluba mill-Kunsilli lokali.

**67/07/10** Ġiet innutata kjarifika mis-Sur Joe Attard, ta' Green MT fejn dawn spjega li l-Kunsill inghata 200 roll ta' boroż griżi u mhux 200 borza kif kien hemm fl-ittra fit-Times of Malta. Din ġiet innutat mill-Kunsill. Il-Kunsill gie infurmat li l-boroz il-grizi kienu spiċċaw u diversi residenzi ghadhom ma inghatawx boroż griżi. L-Agent S.E. intalab isegwi ma Green MT.

**67/07/11** Talba sabiex f'post ċentrali fir-rahal jiġu riżervati żewġ postijiet għal karrozzi ġodda li ser jintużaw waqt kampanja pubbliċitarji. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

**67/07/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**67/08** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**67/08/01** Il-Kunsill unanimament qabel li l-Laqgha tal-Lokalita' ssir fis-27 ta' Jannar 2015 fis-7pm. Gie diskuss ir-Rapport Amministrattiv li thejja sabiex jiġi ippreżentat f'din il-laqgha. L-Agent S.E. ser jiehu hsieb l-avvizi fil-gazzetti etc. .

**67/08/02** Gie unanimament approvat li jinhareg fuljett ta' madwar 20 pagna li permezz tar-ritratti juri l-hidma tal-Kunsill f'din il-legistlatura.

**67/09** **Aġġornament**

**67/09/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-7.00 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2015 fil-5:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** | **27 ta' Jannar 2015** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | |